StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rott

**IT-TIELET SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (*Option*) IL-ĦIN: Siegħa u nofs**

**L-Isem: ____________________________________ Il-Klassi: _______________**

**Din il-karta tal-eżami fiha Erba' Taqsimiet (A, B, C u D). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi. Ikteb it-tweġibiet tat-Taqsimiet A, B u D fuq karta separata.**

**Taqsima A: Aqra sew is-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwarha.**

Il-midja soċjali hija fenomenu ġdid fil-qasam tal-mezzi ta' komunikazzjoni personali u tal-massa, għaliex it-teknoloġija li tintuża hija bbażata l-aktar fuq l-internet. Ħarsa ħafifa lejn l-istatistika dwar l-użu tal-mezzi soċjali tal-midja turi li dawn huma mifruxa sew mad-dinja. Fl-2012 kien hemm iktar minn 900 miljun ruħ li kienu qed jużaw il-*Facebook*. F'Malta biss, ġew irreġistrati iktar minn 200,000 persuna li jużaw il-*Facebook*, li jfisser kważi nofs il-popolazzjoni lokali. Huwa kkalkulat ukoll li fuq *YouTube* qed jittellgħu madwar 48 siegħa ta' vidjow ġdid kull minuta.

Sakemm waqa' l-Ħajt ta' Berlin fl-1989 il-protesti baqgħu sejrin madwar erba' xhur. Iżda l-protesti li kkaratterizzaw ir-Rebbiegħa Għarbija fl-2011 ħadu inqas żmien minħabba l-mezzi tal-midja soċjali. Illum nagħrfu li ċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi Għarab ma rvellawx minħabba *Facebook* jew *Twitter*, iżda minħabba ħafna snin ta' oppressjoni u ċaħda tad-drittijiet fundamentali tagħhom. *Facebook* u *Twitter* wasslu biex ikun hemm bidla aktar mgħaġġla. F'pajjiżi oħra, *YouTube* kien strumentali biex jixxandru filmati b'xeni ta' massakri ta' bnedmin. Wieħed ukoll seta' jara l-effetti tal-midja soċjali fil-mewġa ta' protesti vjolenti li seħħew f'diversi pajjiżi tad-dinja meta ntwera vidjow partikolari fuq *YouTube*, li l-Musulmani tant oġġezzjonaw għalih.

**Mistoqsijiet**

1. Jeżistu **erba'** mezzi ewlenin ta' komunikazzjoni tal-massa.
   a) Semmi liema huma dawn l-erba' mezzi ta' komunikazzjoni tal-massa.
   b) Għaliex dawn jissejħu **komunikazzjoni tal-massa**? (6)

2. Għaliex il-midja soċjali huma popolari u mifruxa mad-dinja? Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet. (4)

3. Il-mezzi ta' komunikazzjoni huma għodda qawwija. Spjega din is-sentenza billi tagħti **TLIET** eżempji. (3)

4. F'pajjiżi li mhumiex demokratċi, l-internet ta' spiss jiġi kkontrollat mill-Istat.
   (a) Spjega għaliex l-Istat jinforza dan it-tip ta' kontroll.
   (b) Semmi **TLIET** karatteristiċi ta' dittatorjat. (5)

5. Spjega kif il-mezzi ta' komunikazzjoni jżidu l-globalizzazzjoni. (4)

6. Taħseb li kull ma jintwera fuq l-aħbarijiet ikun dejjem veru? Agħti raġunijiet għat-tweġiba tiegħek. (3)

**25 marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima B: Aqra sew is-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwar**

Kull persuna mhix biss ċittadin ta’ pajjiżha, iżda wkoll tad-dinja. Flimkien għandna responsabbiltajiet lejn xulxin u lejn id-dinja. Dan nagħmluh billi naqsmu l-ġid tagħna kif uko għerf li ksibna, nagħmlu xogħol volontarju, nesprimu ruħna għall-kawżi ġusti, nagħmlu l-karità noffru l-appoġġ. Anke ż-żgħażagħ jistgħu jagħmlu differenza biex id-dinja tkun ferm aħjar. Iktar kemm il-bnedmin ikunu responsabbli, iktar ikun hemm ġustizzja socjali.

**Mistoqsijiet**

1. Fisser il-frażijiet li ġejjin:
   (a) **ċittadin globali**
   (b) **ġustizzja soċjali**
   (c) **xogħol volontarju**. (6)

2. Għaliex persuna tkun responsabbli lejn l-oħrajn u lejn id-dinja? Agħti **TLIET** eżempji biex turi kif persuna tista’ tkun responsabbli lejn l-oħrajn. (5)

3. Mhux iċ-ċittadini kollha għandhom id-drittijiet li jistħoqqilhom. Spjega dan billi tagħti **ŻEWĠ** eżempji. (4)

4. Barra li huma ċittadini ta’ pajjiżhom u tad-dinja, il-Maltin huma wkoll Ewropej. Semmi **TLIET** vantaġġi li aħna ngawdu bħala ċittadini Ewropej. (6)

5. Spjega r-relazzjoni bejn **valuri ċiviċi** u **ċittadinanza**. (4)

**25 marka**

**Taqsima C: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin.**

1. X’tifhem bil-kelma **qgħad**? Semmi **TLIET** konsegwenzi li dan iħalli fuq is-soċjetà.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________(5)

2. Spjega kif is-saħħa **mentali** u **soċjali** jistgħu jitjiebu.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________(5)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

3. Liema servizzi tas-saħħa jingħataw lill-anzjani u lill-persuni bi bżonnijiet speċjali?

(5)

4. Spjega kif il-kultura ta' pajjiż twassal għal identità nazzjonali unika.

(5)

5. Għaliex huwa importanti li jkun hemm bilanċ bejn ix-xogħol u l-mistrieħ?

(5)

**25 marka**

**Taqsima D: Agħżel WIEĦED minn dawn it-temi li ġejjin u ikteb madwar 250 kelma dwaru fuq karta separata.**

1. Spjega fid-dettall kif nistgħu naġixxu b'mod responsabbli fl-oqsma tas-saħħa u l-konsum.
2. F'Malta sar żvilupp teknoloġiku fl-edukazzjoni, fil-mezzi ta' komunikazzjoni u fis-saħħa. Iddiskuti l-effetti li t-teknoloġija ġabet magħha fuq ħajjitna u fuq l-istil ta' ħajja tagħna.
3. Iddiskuti kif nistgħu nużaw il-ħin liberu tagħna mhux biss għall-mistrieħ, iżda wkoll bħala mezz ta' żvilupp personali.
4. L-etika tax-xogħol, flimkien mad-drittijiet u d-dmirijiet, jagħtu d-dinjità lill-ħaddiem. Iddiskuti.

**25 marka**

**Total: 100 marka**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers